# 41. Quddiem Xbieha ta' Važett Bil-Ward

Filgħodu kif żernaq,
tal-għodwa fid-dija,
fil-ġnien, waqa' seħer
ta' ġmiel, ta' sbuħija:

Fix-xtieli, fil-friegħi,
fiz-zkuk, kullimkien,
feġġew ward u żahar
u weraq u lwien.

"Oh! x'għaxqa ta' fjuri!
oh! x'dehra bla ħjiel,"
bdiet tgħajjat Susanna
imsaħħra bil-ġmiel,

u niżlet fil-ġnejna,
u qatgħet bukkett,
qegħditu fit-tieqa,
fin-nofs ġo važett.

Fid-dar ta' Susanna
kien dieħel pittur,
u waqaf jitgħaxxaq
bid-dehra tal-fjur;

U meta fl-għaxija
mar lura jistrieħ,
fis fawret xbihethom
ta' moħħu mill-qiegħ,

U kellu lill-marqad
iħalli u jqum,
u l-lejl kollu kollu
iħażżeż idum,

Sakemm fuq it-tila
dlonk deher il-bukkett
li qiegħdet Susanna
fit-tieqa f'važett!

Għalkemm jumejn wara
il-fjur kollu tbiel,
u 'l isfel għall-ġnejna
itgħawweġ u miel,

Fit-tila li ħażżeż
bil-lejl il-pittur
ħajja oħra ta' dejjem
għad jgħix dak il-fjur,

U n-nies jibqa' jsaħħar
ta' ġmielu bl-ilwien,
kif ratu Susanna
filgħodu fil-ġnien!